MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Numru. 258/2009

Il-**Pulizija**

**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

**Carmelo Bugeja ta’ 77 sena iben Bartolomeo u Maria Assunta xebba Attard imwieled Zejtun fis-7 ta’ Lulju 1936 u residenti 14, Sqaq il-Mithna, Zejtun u detentur ta’ karta ta’l-identita’ numru 504536(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmelo Bugeja:

Akkuzat talli fis-16 ta' Marzu 2009 ghal habta tal-11am fl-inhawi ta' Dellimara bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

Akkuzat ukoll talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti u professjoni ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq PC 1030 Clint Theuma kif iccertifikat minn Dr. Diane Balzan mill-Paola Health Centre, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi vjolenza jew b'theddid gieghelt ufficjali pubblici jigifieri PS633 Sammut u PC 1030 Theuma li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtortita' kompetenti.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli ta' qabel l-Artikolu 95, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta'l-awtorita' jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kien jaqa' taht disposizzjonijiet ohra tal-Kap.9 Kodici Kriminali jew ta' ligi ohra.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien qed jonsob waqt stagun maghluq.

Akkuzat ukoll talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) – Magistrat Dottor Anthony Vella datata 5 ta' Novembru 2008, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-22 ta' April 2009 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari ta'l-akkuza jidher illi l-imputat qed jigi akkuzat b'reati kemm ta' natura volontarja kif ukoll involontarja. Il-Qorti mal-ewwel tsistqarr illi dawn huma kemmxejn kontro-sens ghaliex il-Prosekuzzjoni[1] fl-istess nifs qed tallega illi l-imputat minghajr intenzjoni li jaghmel xi reat izda biss b'nuqqas ta' hila u bi traskuragini, wegga' ufficjal tal-pulizija, imbaghad takkuzah bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali, reati li jinneccessitaw l-intenzjoni pozittiva u diretta tal-malvivent illi jattakka ihedded u jingurja ufficjal tal-pulizija fil-qadi ta' dmirijietu. Dana ifisser fil-umli fehma ta' dina l-Qorti, li l-Proskeuzzjoni lanqas kienet certa jekk l-azzjonijiet ta'l-imputat kenux intenzjonati o meno! Ibda biex l-ewwel imputazzjoni lanqas tinkwadra ruhha bhala reat per se. Hawnhekk il-Prosekuzzjoni tirriproduci *verbatim* dak dispost fl-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali li jelenka l-elementi mehtiega ghal kostituzzjoni tat-tentattiv tar-reat. Il-Qorti tara ghal darb'ohra illi l-Proskeuzzjoni lanqas kienet certa jekk l-imputat ikkomettiex it-tentattiv ta' xi reat jew ir-reat ikkunsmat. Illi ghalhekk minhabba l-fatt illi ma kienx car ghaliha mill-fattispecje ta' dana l-kaz, liema triq kellha taqbad, il-Prosekuzzjoni dehrilha li kellha litteralment takkuza lill-imputat b'kull reat kemm dak volontarju, kif ukoll involontarju, kemm bit-tentattiv, kif ukoll bir-reat ikkunsmat biex b'hekk forsi tolqot xi wahda tajba. Illi l-ghan tal-Prosekuzzjoni ma hijiex il-kundanna tal-persuna akkuzata akkost ta' kollox, izda biss it-tfittxija ghal verita! Huwa f'dan il-kwadru kemmxejn kontradittorju, allura, illi l-Qorti trid tasal ghal gudizzju taghha fuq dana il-kaz.

Ikkunsidrat,

Illi meta wiehed jezamina il-fattispecje ta' dana l-kaz, mal-ewwel igharaf ir-raguni 'il ghala il-Proskeuzzjoni kellha tittubanza kbira dwar liema reat jew reati

[1] Il-Qorti tirrileva illi l-Ufficjal Prosekutur f'dina il-kawza, l-Ispettur Ramon Mercieca, assuma l-proskeuzzjoni f'dina il-kawza biss fit-23 ta' Mejju 2011 u ma kienx l-ufficjal investigattiv tal-kaz.

setghu jigu addebitati lill-imputat. L-imputat huwa ragel anzjan, nieqes kwazi ghal kollox mis-smigh, izda dilettant tal-insib. Ma hemmx dubbju illi fil-jum indikat fl-akkuza l-imputat kien qed jonsob, ghalkemm l-istagun tal-kacca u l-insib kien maghluq. Jidher illi f'dik l-ghodwa il-pulizija tat-taqsima tal-A.L.E. kienu qed jaghmlu l-ispezzjonijiet taghhom ghal xi kacca jew insib illegali. Wasslu fuq il-post f'Dellimara fejn kien l-imputat qed jonsob, is-surgent 633 Frank Sammut u il-kuntistabbli 1030 Clint Theuma, li mal-ewwel osservaw lill-imputat fuq il-post u ghalhekk avvicinawh sabiex ikellmuh, izda hekk kif lemahhom, l-imputat telaq jigri u dawn iz-zewg pulizija marru jigru warajh biex jilhquh, kif fil-fatt jidher li sar. F'dana il-hin l-imputat beda jitlob lill-pulizija ihalluh u anke qabad xi flixkun tal-hgieg li sab fil-vicin f'idejh. Il-Pulizija mal-ewwel irrittaljaw ghal dina l-azzjoni fejn ipprocedew ghall-arrest tieghu u biex jimmannettjawh. L-imputat jidher li beza' ghax ma riedx lill-pulizija jaghmlu dan, izda jidher l-Pulizija hassbu li kien ser jirrezisitiehom u ghalhekk fizikament qabbzu ghal fuq l-imputat u ippruvaw jimmannettjawh bil-forza. F'dina il-kollutazzjoni jidher illi l-imputat waqa' fl-art wiccu 'il isfel fejn kien imbaghad gie imrazzan mill-pulizija billi dawn ta'l-ahhar bdew izommuh b'irkobbtejhom u saqajhom fuq dahru waqt li kienu qed jorbtulu idejh bil-manetti. L-imputat jispicca ferut b'wiccu kollu demm, *blunt trauma* taht ghajnejh u ferita fuq idejh. F'dana il-hin gew xi nies li kien hemm fl-eghlieqi fil-vicin u meta raw dik ix-xena bdew ighidu lill-pulizija biex ma isawwtuhx u biex icemplu ghall-ambulanza billi osservaw illi l-imputat kien ferut. Jidher illi f'dina il-kollutazzjoni anke il-pulizija spiccaw feruti u dana skond ic-certifikati medici esebieti fl-atti minn fejn jirrizulta illi kellhom xi brix f'idejhom. Illi ghalkemm il-kuntistabbli 1030 jallega illi l-imputat gidimlu idejh waqt li kien qed jipprova jimmannettjah, madanakollu dan ma huwiex rifless fic-certifikat mediku li jitkellem biss fuq brix. Ma jidhirx illi gew riskontrati xi *bite marks* fuq idejh kif allegat, izda biss brix f'idu u subajgh tal-lemin. L-imputat inoltre jallega illi il-pulizija tawh daqqa ta' ponn f'wiccu u kien minhabba f'dan illi huwa sofra il-griehi f'wiccu u infarag. Dana huwa michud mill-pulizija li jallegaw illi l-imputat infarag u sofra griehi f'wiccu meta waqa' fl-art wiccu 'il isfel fejn kien qed jigi imrazzan minnhom. Illi ix-xhud okulari li osserva kwazi l-incident kollu huwa Nazzareno Mifsud li osserva lill-pulizija qed jaggredixxu lill-imputat u rahom qed iwaddbuh fl-art u jitilghu fuq dahru. Dana ix-xhud ighid illi osserva id-demm fuq wicc l-imputat

wara li l-pulizija kienu tefghuh fl-art u ghalhekk jidher illi l-feriti li sofra l-imputat gew b'konsegwenza ta' dina l-azzjoni da parti tal-pulizija.

Ikkunsidrat

Illi kif diga inghad l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat ma hi akkuza xejn, izda biss indikazzjoni illi l-imputat seta' intenta jikkometti xi reat minghajr ma jigi indikat liema reat, mis-seba' akkuzi li hemm migjuba kontra tieghu, huwa intenta jikkometti. Certament ma jistax ikun legalment koncepibbli t-tentattiv fir-reat ta' natura involontarja u cioe' dak ikkontemplat fit-tieni akkuza!

Illi l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tentattiv u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Illi ghalhekk il-Qorti tqies illi dina l-akkuza hija bla ebda fondament legali u l-imputat minghajr ebda dubbju ser jigi illiberat minnha.

Illi imbaghad l-imputat jigi addebitat bir-reat tal-offiza involontarja u hafifa fuq il-persuna tal-kuntistabbli 1030 Clint Theuma. Illi qabel xejn il-Qorti tistqarr illi l-kuntistabbli Theuma sofra griehi f'idejh il-leminja konsistenti fi brix. Illi kif diga inghad l-allegazzjoni li saret mill-istess kuntistabbli kienet illi dina il-ferita sehhet b'konsegwenza ta' gidma minn naha ta'l-imputat. Il-Qorti ghalhekk issibha kemmxejn stramba kif allura l-imputat gie akkuzat imbaghad bir-reat involontarju. Donnu li l-prosekuzzjoni ma kenitx certa jekk mill-investigazzjonijiet illi saru kellhiex temmen dak li gie allegat minn dana l-pulizija. Fil-fatt mill-provi li hawn fl-atti ta' dina il-kawza ma jirrizultax jekk

verament l-imputat gidimx lil dan il-kuntistabbli u huwa biss il-kuntistabbli li jallega dan. Ic-certifikat mediku jitkellem fuq brix u mhux *bite marks* u x'aktarx ghalhekk illi il-feriti rapportati mill-kuntistabbli sehhew fil-mument illi l-pulizija xehhtu lill-imputat fl-art u ippruva jimmannettjawh. Di piu, kif diga inghad dina l-akkuza hija dijamettrikament opposta ghall-akkuzi li isegwu, kollha reati ta' natura volontarja li jenhtiegu l-intenzjoni posittiva u diretta ta'l-imputat li jaghmel il-hsara. Kwindi dina l-akkuza hija wahda legalment insostenibbli li ma hijiex ikkonfortata bil-provi li hemm fl-atti u l-imputat ser jigi illiberat minnha.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat, imbaghad, jigi akkuzat bir-reati li ghandhom x'jaqsmu mal-oltragg lejn l-ufficjali tal-pulizija u id-disubbidjenza lejn l-ordnijiet legittimi moghtija minnhom. Illi l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid:

***"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith."*** Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu iwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: ***"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."***

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

***"Dana l-artikolu*** (b'referenza ghall-artikolu 96) ***jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna***

***hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".***

Illi minn ezami akkurat tal-provi li hemm fl-atti, il-Qorti tistqarr illi l-ebda wiehed minn dawn ir-reati ma jirrizultaw ippruvati. Illi fl-ewwel lok, ma jidhirx illi f'xi hin l-imputat qal xi kliem lil dawn l-ufficjali tal-pulizija ghajr ghal frazi "halluni, itilqu 'il hemm" u "issawtuniex". Dawn il-kliem certament la jikkostitwixxu xi theddid u wisq anqas xi ingurja. Lanqas ma hu ippruvat illi l-imputat ghamel xi offiza fuq dawn il-pulizija, kif diga inghad, billi hemm konfliggenza fil-provi dwar jekk l-imputat gidimx lil-PC1030 u ma hemm l-ebda prova ohra li l-imputat ghamel xi griehi ohra fuq dawn iz-zewg pulizija.

Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 96, imbaghad, ma jirrizultax mill-atti illi l-imputat f'xi hin attakka, jew ghamel xi resistenza bi vjolenza. Anzi hawn sehh l-oppost ghax kienu l-pulizija li dehrilhom li l-imputat kien xi theddida ghall-inkoluminita' taghhom u hebbew ghalih billi uzaw il-forza fuqu sabiex jarrestawh u jimmannettjawh. Il-Qorti ma tistax tara raguni 'il ghala il-pulizija kellhom juzaw dina il-forza kollha sabiex irazznu ragel anzjan, li di piu huwa nieqes mis-smiegh u li lanqas beda jifhem dak li kienu qed ighidulu l-pulizija. Fil-fatt minn dak li jixhed is-surgent Sammut, jidher illi ghalkemm huwa beda jitolbu il-*particulars* tieghu, l-imputat beda iwegibhom biss bil-kliem: "halluni, itilqu 'il hemm" u "halluni, isawwtuniex.". Il-pulizija, x'aktarx minhabba l-fatt illi ma kenux a konoxxenza tal-problema tas-smigh li kellu l-imputat, hassbu li l-imputat ma riedx jikkopera maghhom u ghalhekk ipprocedew ghall-arrest tieghu, iktar u iktar meta hassbu illi huwa kien ser jaggrediehom b'flixkun tal-hgieg. L-imputat, li kif diga inghad, ma kien qed jifhem xejn minn dak li kienu qed ighidulu l-pulizija, bezgha u ma riedx lill-pulizija jimmannettjawh. Illi l-pulizija izda dehrilhom li kellhom jaghmlu dan b'forza u b'hekk inqala' l-incident kollu mertu tal-kawza. Illi il-Kapitolu 164 tal-

Ligijiet ta' Malta jindika ic-cirkostanzi meta il-pulizija jistghu jaghmlu uzu mill-forza:

"***L-ufficjali tal-pulizija jistghu juzaw dik il-forza moderata u proporzjonata li tista' tkun mehtiega sabiex tigi zgurata l-osservanza tal-ligijiet."***

***"L-uzu tal-forza huwa l-ahhar rimedju u ghandu biss jintuza ghaldaqstant zmien daqskemm ikun tassew mehtieg meta jkun evidenti li kull riemdju iehor ma jkunx iservi."***

***"Jekk tqum il-kwistjoni f'xi Qorti jew tribunal dwar kemm l-uzu tal-forza jkun wiehed ragjonevoli, c-cirkostanzi prevalenti fil-waqt meta tkun intuzat il-forza ghandhom ikunu l-kriterju biex tigi ezaminata dik ir-ragonevolezza***.[2]"

Illi f'dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma illi l-uzu tal-forza ma kienx wiehed proporzjonat u moderat hac-cirkostanzi ta' dana l-kaz u li l-imputat fl-ebda hin ma kien ta' xi periklu imminenti ghaz-zewg ufficjali tal-pulizija li kienu qed jippruvaw jarrestawh. Huwa minnu illi r-reazzjoni ta'l-imputat ghal wasla tal-pulizija qajjmitlhom suspett dwar dak li kien qed jaghmel billi harab jigri hekk kif rahom, izda certament ma kienx jimmerita illi jigi mitfugh fl-art b'certu sahha u sahansitra jigi imrazzan b'irkobbtejhom u saqajhom fuq dahru. L-imputat fuq kollox jidher illi huwa ragel anzjan u mhux b'sahhtu, li ma kien ser joffri l-ebda resistenza kontra zewg irgiel zghar fl-eta li wiehed minnhom sahansitra kien ragel mibni u li kien anke jaghmel *training* fl-esercizzju fiziku.

Illi konsegwentement l-Qorti lanqas tista issib htija ghall-akkzua kontravvenzjonali ravvizata fl-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9. Dana ghaliex mill-atti, u senjatament mir-rapport ta' l-espert Profs. Mario Said jirrizulta illi l-imputat ghandu problema serji bl-udit tant illi kwazi tilef is-smigh ghal kollox.

[2] Ara artikoli 95, 96 u 97 tal-Kapitolu 164

Tant hija serja il-problema tieghu, illi, fil-fehma ta' dana l-espert, l-ebda *hearing aid* ma tista' tghin sabiex l-imputat jisma' ahjar[3]. Dana ifisser illi dak kollu li dawn iz-zewg pulizija bdew ighidu lill-imputat, huwa ma setax jifhimhom billi ma kien qed jisma' kwazi xejn. Kwindi dina l-Qorti qatt ma tista' issibu hati talli naqas milli jobdi xi ordni li kienet qed tigi moghtija lilu billi huwa ma setax jisma' dik l-ordni x'kienet. L-imputat xtaq biss illi ma jigiex immanettjat u kien hawn fejn huwa ma ikkoperax u ghal dan spicca mitfugh fl-art u ikkalpestat. Konsegwentement, lanqas ma jista jirrizulta ippruvat ir-reat kontravvenzjonali dwar il-ksur tal-ordni pubbliku billi l-imputat fl-ebda hin ma ghamel xi storbju jew gholla lehnu mal-pulizija. Dana jirrizulta mill-atti. L-uniku ghajjat li Nazzareno Mifsud ighid li sema' kienu il-kliem "ajma ajma, halluni, ajma.[4]" L-istess ighid Emanuel Farrugia li ukoll kien prezenti waqt dana l-incident[5]. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza ukoll.

Finalment l-imputat jinsab akkuzat ukoll illi kien qed jonsob waqt stagun maghluq. Illi l-Qorti tistqarr illi din hija l-uniku akkuza li tirrizuta ippruvata, anke fuq ammissjoni ta'l-imputat stess. Fuq kollox l-incident kollu li sawwar dina l-kawza beda minhabba f'din ir-raguni. L-imputat huwa recidiv dwar dina l-akkuza billi jirrizulta illi b'sentenza moghtija minn dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta fil-5 ta' Novembru 2008, huwa kien diga gie misjub hati, fuq ammissjoni tieghu stess, illi kien qed jonsob fi stagun maghluq ghal kacca u kwindi l-Qorti ser tghaddi biex tinfliggi il-piena misthoqqa fuq l-imputat ghal dana r-reat. Il-Qorti tirrileva illi billi r-reat li dwaru l-imputat ser jigi misjub hati sehh fl-2009 u kwindi ferm qabel dahhlu fis-sehh l-emendi ghal Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 fl-2013, l-Qorti ser tinfliggi dik il-piena applikabbli fiz-zmien li sehh ir-reat.

Ghaldaqtsant il-Qorti wara li rat r-regolamenti 18(1)(c) u 27(2)(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 issib lill-imputat hati ta'l-ahhar zewg akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah mill-kumplament, tikkundannah multa

[3] Ara xhieda u rapport tal-Professur Mario Said a fols.48, 49 u 50
[4] Ara xhieda ta' Nazzareno Mifsud a fol. 8
[5] Ara xhieda ta' Emanuel Farrugia a fol.89

ta’ €500 u tordna r-revoka permanenti ta’ kull licenzja jew permess mahruga favur l-imputat dwar kacca u insib.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------